Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2008

Numru. 214/2001

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR STEPHEN J. GATT)**

**VS**

**JOSEPH BORG**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Borg iben Francis u Antonia Seguna imwieled Msida fil-6 ta’ Mejju 1963 u residenti 188, Triq il-Kuncizzjoni, Msida u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 272463(M) gie quddiemha akkuzat talli:

a) Fl-Msida nhar l-1 ta’ April 2001 ghal habta tas-7:30 p.m minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Carmelo Borg mill-Msida f’ periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Carmelo Borg, jew gabilha disordni f’ mohha, liema offiza hija gravi u ikkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gabet sfrejgu gravi permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’ wahda mill-idejn ta’ Carmelo Borg kif iccertifika Dr. Dennis Mallia M.D. tal-Isptar San Luqa.

b) Fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmelo Borg kif iccertifika Dr. Dennis Mallia M.D.

c) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta’ Carmelo Borg sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

d) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija lilu fis-6 ta’ Dicembru 1999 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-5 ta’ Awissu 2002 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

a. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 339 (b) (d) (e), 17 (c), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

b. Fl-Artikoli 5, 9, 10, 11 tal-Kapitolu 152 ;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta’ Mejju 2002 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fl-1 ta’ April 2001 ghal habta tas-7.30pm, fi Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida liema ncident inqala’ bejn l-imputat Joseph Borg u zijuh Carmelo Borg u bhala konsegwenza tal-liema dan tal-ahhar sofra griehi ta’ natura gravi f’ghajnejh il-leminija, f’liema ghajn huwa kellu jigi operat u li minnha tilef id-dawl.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehh l-incident, dik moghtija minn Carmelo Borg, u cioe’ il-vittma u dik moghtija mill-imputat. Il-vittma Carmelo Borg xehed fl-udjenza tal-31 ta’ Awissu 2001 fejn huwa spjega li meta l-imputat ma kienx qed jahdem huwa silfu karozzin sabiex ikun jista’ jahdem bih u jaqla xi haga ghal familja. Huwa tah ukoll ic-cavetta tal-garaxx tieghu sabiex ikun jista’ jdahhal l-imsemmi karozzin f’dan il-garaxx. Dan ix-xhud spjega li fl-1 ta’ April 2001 huwa kien mar il-garaxx tieghu u sab li l-karettun li kellu fil-garaxx kien minghajr qanpiena, liema qanpiena kienet tal-karozzini. Peress li l-imputat kien l-unika persuna li kellha cavetta tal-garaxx fejn kien jinsab il-karettun, Carmelo Borg jghid li huwa kien mar bil-vettura tieghu li hija taxi bajda jistaqsi lill-imputat ghal din l-qanpiena li skond ix-xhud kienet tiswa madwar Lm150 u Lm 200. Dejjem skond Carmelo Borg l-imputat hareg mill-garaxx hdejn id-dar tieghu stess jidghi kemm jiflah u jxejjer idejh. Huwa baqa’ fil-vettura tieghu waqt li l-imputat beda jidghi, ixejjer idejh u jghidlu ‘ser tibqa’ tghidli l-istess diskors’. Carmelo Borg isostni li l-imputat laqtu waqt li kien qed ixejjer idejh u mbaghad dahal fil-garaxx u rega’ hareg b’injama twila bil-hadid maghha li tintuza ghax-xoghol taz-zwiemel, xejjer l-injama fid-direzzjoni tieghu u laqtu. Huwa jghid li talab lil ragel li kien fuq il-post jiehdu l-Ghassa fejn huwa ttiehed l-Isptar ghaliex kellu d-demm hiereg minn ghajnejh tal-lemin. Huwa spjega li bhala konsegwenza ta’ dan l-incident tilef il-vista minn din l-ghajn u qal li sarulu wkoll xi operazzjonijiet f’ghajnejh.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-1 ta’ April 2001 (esebita a fol. 18 u 19 tal-process) fejn huwa spjega li huwa jahdem ghal rasu bil-karozzini u qal li dakinhar wara is-sebgha ta’ filghaxija kien fir-remissa li tinsab biswit ir-residenza tieghu meta gie zijuh Carmelo Borg li kien qed isuq taxi bajda u dan tal-ahhar beda jakkuzah li kien hadlu qanpiena li kienet imwahhla ma’ karettun u li kien bidillu harness taz-ziemel. Huwa sostna li dakinhar stess filghodu kien qed ikellem lil zijuh fil-garaxx ta’ dan tal-ahhar li tieghu huwa kellu cavetta u kien ra l-karettun ta’ zijuh minghajr qanpiena. L-imputat spjega li waqt li zijuh kien ghadu fit-taxi huwa spjegalu li l-karettun tieghu dejjem bla qanpiena kien u dan tal-ahhar beda jidghi, fetah il-bieba tan-naha tax-xufier tal-vettura tieghu, nizzel saqajh mal-art u l-imputat ra stallett jew mus zghir b’xafra ta’ madwar sitt pulzieri f’idejn Camelo Borg. L-imputat qal lil zijuh ‘hekk le’ u xejjirlu daqqa ta’ ponn f’wiccu. Izda ma jafx ezatt fejn laqtu. Huwa innega li kien ta’ daqqa lil zijuh b’xi hadida u rribadixxa li kien tah daqqa ta’ ponn u spjega li huwa fil-fatt kien ghad kellu daqqa zghira fil-ponn tan-naha tal-lemin. Hu jghid li zijuh beda jghajjat u gie certu Noel fuq il-post u huwa stess talab lil dan Noel sabiex jara x’ghandu bzonn zijuh. Huwa jghid li zijuh baqa’ jzomm l-istallet jew mus f’idejh.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (ara deposizzjoni relattiva inserita a fol. 87 u 88 tal-process) fejn ikkonferma il-verzjoni tal-fatti minnu moghtija meta rrilaxxja l-istqarrija.

Joseph Formosa li xehed fl-udjenza tat-18 ta’ Ottubru 2001 spjega li fid-data tal-incident kien qieghed fil-gnien ta’ missieru fi Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida u sema’ xi ghajjat. Huwa mar jara x’kien qed jigri u ra taxi quddiem ir-remissa tal-imputat, ra liz-ziju tal-imputat bid-demm ma’ wiccu u sema’ lill-imputat jghid lil zijuh issa itlaq l’hemm. Dan ix-xhud spjega li huwa dahal bejn l-imputat u zijuh u qal lil Carmelo Borg li kien ikun ahjar jekk imur l-Isptar u dan qallu li hekk kien ser jaghmel izda mbaghad dahal fit-taxi u mar l-Ghassa tal-Pulizija li kienet tinsab minuta ‘l boghod minn fejn sehh l-incident.

F’dawn il-proceduri xehdet ukoll l-Ispettur Marisa Camilleri (xhieda inserita a fol. 47 tal-process) li esebiet il-mus li kien fil-pussess tal-vittma fil-hin tal-incident u xehed ukoll PS 909 Paul Buhagiar (xhieda a fol. 80) li spjega li huwa kien eleva mus mill-bieba tat-taxi ta’ Carmelo Borg u ghadda l-istess mus lill-Ispettur Marisa Camilleri.

Dr. Dennis Mallia li xehed fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2002 ikkonferma li huwa kien ezamina lil Carmelo Borg, ikkonferma wkoll li dan tal-ahhar kellu griehi f’ghajnejh il-leminija u kellu jigi operat u tilef il-vista minn din l-ghajn.

Ikkunsidrat :

Illi d-Difiza qed taddotta l-linja difensjonali tal-legittima difesa u ssostni li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa fil-fatt iddefenda lilu nnifsu meta zijuh mar jikkonfrontah bl-istallet jew mus. Kif intqal aktar ‘il fuq il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti dwar x’effettivament sehh dakinhar tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza, u cioe’ il-verzjoni moghtija mill-vittma Carmelo Borg li jghid li huwa inghata daqqa ta’ hadida f’ghajnejh mill-imputat u l-verzjoni tal-fatti ta’ dan tal-ahhar li min-naha l-ohra jsostni li zijuh mar sabiex jikkonfrontah dwar qanpiena li kien qed jallega li hadlu u li kien hiereg ghalih b’stallet f’idejh u huwa ghalhekk xejjirlu daqqa ta’ ponn f’wiccu. Il-Qorti tirrileva li meta xehed Carmelo Borg huwa fl-ebda mument ma semma li kellu fil-pussess tieghu xi stallett jew mus izda mill-provi rrizulta li effettivament gie elevat mus mill-vettura tieghu, liema mus jinsab esebit in atti. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fattur jikkorobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u li ghalhekk ghandha titwemmen din il-verzjoni tal-fatti u cioe’ dik li l-imputat xejjer daqqa ta’ ponn f’wicc il-vittma ghaliex rah hiereg mill-vettura tieghu bil-mus f’idejh.

Huwa oramai principju stabbilit li sabiex tissussisti l-linja difensjonali tal-legittima difesa irid ikun hemm perikolu minaccjat liema perikolu ghandu jkun ingust, gravi u inevitabbli. Fil-kaz odjern irrizulta sal-grad tal-probabbli li Carmelo Borg mar fir-remissa tal-imputat ghall-gharrieda

u waqt konfront verbali beda hiereg mill-vettura tieghu bi stallett f'idejh u l-imputat ghalhekk xejjer daqqa ta' ponn f'wicc l-imsemmi Carmelo Borg ghaliex haseb li dan seta' jattakkah bil-mus jew stallett. Fil-fehma tal-Qorti kien hemm eccess ta' legittima difesa da parti tal-imputat ghaliex hemm nuqqas ta' proporzjonalita' fir-reazzjoni tieghu ghal dak li kien qed jaghmel Carmelo Borg. L-imputat fil-fatt jghid li huwa iddecida li jxejjer id-daqqa ta' ponn meta ra l-mus f'idejn zijuh izda ma jghidx li dan kien qed jippuntah lejh jew li kien qed ixejru fid-direzzjoni tieghu. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tal-5 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Fortunato Sultana u cioe' *« L-eccess ta' legittima difesa hu dovut ghan-nuqqas ta' proporzjonalita', jippostula necessarjament l-estremi tal-legittima difesa b'dan pero' li wiehed ikun mar oltre dak li kien strettament mehtieg ».* Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat mar oltre dak li kien strettament mehtieg fic-cirkostanzi u ghalhekk ser tapplika id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 227(d), 230(d) u 233 fil-konfornti tieghu.

Dwar in-natura tal-feriti jew griehi li kellu Carmelo Borg bhala konsegwenza tal-incident mal-imputat ma hemm ebda dubju li hemm offiza gravissima skond dak li jiddisponi l-Artikolu 218 (1) (b) stante li l-isfregju huwa fil-wicc, precizament fl-ghajn il-leminija u l-imputat tilef il-vista fl-imsemmija ghajn.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat agixxa in legittima difesa, anki jekk kif intqal aktar 'il fuq in eccess ta' legittima difesa, it-trapass taz-zmien minn meta sehhu ir-reati li taghhom huwa qed jinstab hati sakemm il-kawza waslet sabiex tigi deciza u l-fedina penali relattivament nadifa u jidrilha li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-5 ta' Awissu 2002 kif ukoll l-Artikoli 28A, 223, 227(d), 230 (d) u 233 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax il-

xahar (18) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin b’effett millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------